**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 10 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 338/2016 AF**

**Michael Attard Limited**

**vs**

**Raymond Bezzina u Maria Dolores Bezzina**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Michael Attard Limited li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Il-konvenuti kienu accettaw u ffirmaw a favur tas-socjetà attrici diversi kambjali.

Il-konvenuti jinsabu debituri lejn is-socjetà attrici fis-somma ta' mija u tnax-il elf erba mija u ghaxar Ewro u sittax-il centezmu (€112,410.16) rapprezentanti bilanc ta' import ta' sitta mija u tlieta u erbghin (643) kambjala skaduti, accettati u firmati mill-konvenuti.

Il-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu però dawn baqghu inadempjenti.

Dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjetà attrici il-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta' dan id-debitu.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjetà attrici s-somma ta' mija u tnax-il elf, erba' mija u ghaxar Ewro u sittax-il centezmu (€112,410.16) rapprezentanti bilanc ta' import ta' sitta mija u tlieta u erbghin (643) kambjala skaduti, accettati u firmati mill-konvenuti, bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju prezentati kontestwalment, kontra il-konvenuti li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat li minkejja li gew debitament notifikati, kien biss Raymond Bezzina li deher ghall-kawza u nghata l-fakoltà li jwiegeb.

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi limitatament fil-konfront ta' Maria Dolores Bezzina billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fil-konfront taghha.

L-ispejjez jithallsu minn Maria Dolores Bezzina.

IMHALLEF

DEP/REG